# Perjodu tat-Talba għall-Bdiewa u r-Raħħala taħt il-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni 2023-2027: Reġistrazzjoni ġdida ta' art agrikola u applikazzjonijiet għall-għajnuna

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u l-Provvista tal-Ikel (MAFF), qiegħda tilqa' talbiet mingħand dawk il-bdiewa li jixtiequ jagħmlu:

- Trasferimenti u reġistrazzjonijiet tal-art li għandhom jiġu inklużi għall-għajnuna;
- Tibdil fl-użu tal-art fuq art li ma kienitx eliġibbli u li issa se tinqaleb eliġibbli biex tiġi impenjata għall-għajnuna finanzjarja;
- Reġistrazzjoni tal-għelieqi tagħhom għal Eko –Skemi;
- Reġistrazzjoni tal-għelieqi tagħhom għal; Impenji ta' Ġestjoni Ambjentali u Klimatiċi (AECCs) taħt il-PAK 2023-2027
    - Talbiet għal impenji ġodda qed jiġu aċċettati biss taħt AECC 7a u 7b
    - Talbiet għal impenji ġodda taħt l-AECC1a, 1b, 1c, 2, 3, 4, 5, u 6 mhux se jiġu aċċettati.

Għal tali talbiet, il-bdiewa għandhom jippreżentaw id-dokumenti li ġejjin:

- Karta tal-identità;
- Pjanti tas-sit tal-għelieqi;
- F'każ li l-persuna li qed tagħmel it-talba qed tirrpareżenta lil ħaddieħor, għandha tiġi ppreżentata prokura mingħand nutar flimkien mal-karta tal-identità tar-rappreżentant;
- Testment (f'każ ta' trasferiment b'wirt).

It-talbiet ser jintlaqgħu **Mis-6 ta' Lulju 2026 sat-18 ta' Settembru 2026** f'wieħed minn dawn l-uffiċċji:

- **Il-*Front Office* tal-ARPA:** Suq tal-Pitkalija, Ta' Qali, Limiti ta' Ħ'Attard, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-07:00 u l-11:30; jew
- **Il-Front Office tal-ARPA, Għawdex:** Da Paola, Level 1, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat (Victoria), mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-07:00 u l-11:30.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista':

- Iżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt
- Iċempel fuq in-numru 22926148
- Jibgħat *email* fuq arpa.maff@gov.mt